**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024**

**Talba Nru: 157/2024MD**

**Elmo Insurance Limited (C 10002)**

**Vs**

**Manwel Micallef**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-16 ta' Mejju, 2024[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni sofferti minnhom naxxenti minn inċident li seħħ nhar id-29 ta' Settembru, 2023 fi Triq Telgħet Gwardamangia, Pieta' meta grada proprjeta' tal-konvenut waqgħet fuq żewġ vetturi proprjeta' tal-attur Thomas Vella, liema vetturi jġibu n-numru ta' reġistrazzjoni BCC-386 u ACU-686, għal-liema danni għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited abbażi tal-polza tal-assikurazzjoni illi kellu magħha l-attur Vella, stante li l-istess inċident seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lill-istess konvenut, jiġu likwidati d-danni sofferti fl-ammont ta' sitt mija, tnax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€612.22) jew somma verjuri u sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata; bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali datata 5 ta' April, 2024, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' April, 2024 sad-data tal-pagament effettiv.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tas-26 ta' Settembru, 2024[2], tad-9 ta' Ottubru, 2024[3], u tas-17 ta' Ottubru, 2024[4].

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tal-atturi fis-seduta tas-26 ta' Settembru, 2024[5] u fil-fatt il-konvenut ma dehrx sabiex jirrispondi għalih għas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2024[6].

Sema x-xhieda ta' **George Stagno Navarra** bħala rappreżentant tas-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited, li kkonferma li l-assikurat tagħha huwa Thomas Vella. Il-konvenut Thomas Vella kellu żewġ vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni BCC 386 u ACU 686 assikurati mas-soċjeta' attriċi. Fid-29 ta' Settembru, 2023 dawn il-vetturi kienu pparkjati fi Triq it-Telgħa ta' Gwardamanġja, Gwardamanġja, fejn waqgħet grada u għamlitlu l-ħsara u is-soċjeta' attriċi bħala assikuratriċi kellha tagħmel tajjeb għad-danni fis-somma ta' sitt mija, tnax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€612.22) u kkonferma li l-ammont għadu dovut[7].

Ra d-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur[8].

Sema t-trattazzjoni tal-atturi.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mir-rapport tal-Pulizija datat 25 ta' Settembru, 2023, is-*survey report*, ir-ritratti, il-fatturi annessi mal-istess avviż u mix-xhieda ta' George Stagno Navarra.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jiddikjara lil konvenut responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi u jordna u jikkundanna lil konvenut iħallas is-somma ta' sitt mija, tnax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżimu (€612.22) rappreżentanti danni sofferti mil-atturi naxxenti minn inċident li seħħ nhar id-29 ta' Settembru, 2023 fi Triq Telgħet Gwardamangia, Pieta' meta grada proprjeta' tal-konvenut waqgħet fuq żewġ vetturi proprjeta' tal-attur Thomas Vella, l-assikurat tas-soċjeta' attriċi Elmo Insurance Limited, liema vetturi jġibu n-numru ta' reġistrazzjoni BCC-386 u ACU-686, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza[9] sad-data tal-pagament effettiv.

[2] A fol 20 tal-proċess
[3] A fol 22 tal-proċess
[4] A fol 25 tal-proċess
[5] A fol 21 tal-proċess
[6] A fol 22 tal-proċess
[7] A fol 23 et seq tal-proċess, xhieda datata 9 ta' Ottubru, 2024
[8] A fol 4 et seq tal-proċess
[9] Stante li ma ġiex preżentat meta l-konvenut ġie notifikat bl-ittra uffiċjali

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali datata 5 ta’ April, 2024[10] jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[10] A fol 16 tal-proċess